Kunsill Lokali Fontana

Minuti tal-laqgħa erbgħa u tlettin (34), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2015 fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita' liema laqgħa ġiet imxandra *live* fuq il-website tal-Kunsill.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħat 32 u 33 ġew approvati mill-Kunsill u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv quddiem il-preżenti.

*Mill-Minuti*

Is-Sindku qal li:

2.2 l-qsari ta' fuq iz-zuntier li kienu ssemmew fil-laqgħa preċedenti kienu ingħataw mill-gvern ċentrali fl-ewwel leġislatura tal-kunsill.

2.3 Rigward it-taraġ ta' Triq John Gaspard le Marchant is-Sindku nforma lil membri li l-kamra li kien hemm taħtu ingħalqet bil-ġebel minn xi ħadd.

2.4 Hu ma jistax jattendi l-ġita ta' Sqallija li ser tkun mifruxa fuq jumejn minħabba raġunijiet personali.

2.4 Talab sabiex jigi verifikat mad-Dipartiment Proġetti u Żvilupp li l-offerta li ħarġet mill-Ministeru tasal biss sa Triq is-Sajjieda jiġifieri parti minnha u


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555


S. Borg

mhux it-triq kollha kemm hi. Is-Sur Micallef wieġbu li ħarġet l-offerta mill-bidu tat-triq jiġifieri minn fejn id-*Dolphin Pools* sa fejn hemm it-tarmac il-ġdid u wkoll parti minn Triq is-Sajjieda peress li hemm xi ħsara. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li bħalissa l-offerta tinsab fl-istadju ta' aġudikazzjoni quddiem il-bord ta' l-għażla.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.5 Inħarġet l-offerta tal-ġbir ta' skart goff liema offerta tagħlaq s-Sibt, 1 t'Awwissu 2015 fil-11.00 ta' filgħodu.

2.6 Inġabru żewġ kwotazzjonijiet għar-restawr tan-niċċa tal-kunċizzjoni mingħand Tarcisio Xerri u Joe Grima. Is-Sur Tarcisio Xerri ikwota l-prezz ta' €1050 bil-materjal mhux inkluż, waqt li bil-materjal inkluż ikwota l-prezz ta' €1400. Is-Sur Joe Grima ikwota l-prezz ta' €1460. Is-Sindku ippropona li l-materjal għandu jixtrih il-Kunsill għax jiġi rħas. Is-Sur Micallef ippropona li nitolbu lil Wirt Għawdex biex jirrestawrawha huma peress li fl-opinjoni tiegħu hi għolja. Il-membri qablu li għandha tintgħażel l-irħas offerta u l-materjal jiġi mixtri mill-Kunsill. Is-Sur Micallef propona li s-Seg. Eżekuttiv għandha tiċċekkja kemm jiswa' l-materjal u jekk jiswa' inqas minn €350 għandu jinxtara mill-Kunsill iżda jekk le lil Kuntrattur naghtuhilu bil-materjal b'kollox. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tikkuntatja lil Philip Formosa sabiex jarma l-*iscaffolding* u jieħu ħsieb ukoll l-assigurazzjoni.

2.7 Intbgħatu l-avvizi fid-djar rigward il-ġita ta' jumejn fi Sqallija. Wara li s-Seg. Ezekuttiv innegozjat prezzijiet tat-tfal ta' taħt l-14-il sena mas-Sur Mario Spiteri ingħatat il-prezz ta' €185 minflok €215. Waqt li sa 20 persuna li tħallas jagħti biljett b'xejn lil Kunsill, bejn 20 u 30 persuna li tħallas jagħti zewġ biljetti b'xejn, waqt li minn 30 sa 40 persuna li tħallas jagħti erba' biljetti b'xejn. Is-Seg. Ezekuttiv kompliet tghid illi sa issa applikaw 41 persuna inkluż id-delegazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Mario Spiteri ser ikun jilqa' l-ħlasijiet minn għand ir-residenti nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju bejn id-9.30 u nofsinhar.

2.8 Intalbu kwotazzjonijiet għal boxxla tal-bieb ta' l-uffiċċju minngħand Zarenu Sultana u Zammit Aluminium iżda Zammit Aluminium biss isottometta kwotazzjoni. L-istima li ssottometta kienet ta' €370. Il-membri qablu li għandu jiġi ordnat.

2.9 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil prezenti illi rigward ix-xogħol li kellha taghmel fuq il-laqgha preċedenti ma laqħitx għamlitu peress li kellha



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

ħafna xogħol kemm bil-festa tal-Qalb ta' Gesu', kemm bix-xogħol tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi u kif ukoll bl-organizzazzjoni tal-ġita' ta' jumejn ġewwa Sqallija.

Is-Sur Horace Micallef

2.10 Is-Sur Micallef informa lis-Seg. Eżekuttiv illi l-ħadida ta' Trejqet ix-Xagħri li semma s-Sindku fil-laqgħa li għaddiet ħa ħsiebha hu wara li ġie avviċinat minn xi residenti u nħadmet u weħlet mill-ħaddiema tas-CMU. Is-Sindku qal li dan ir-*railing* twaħħal il-bieraħ.

2.11 Rigward li kien semma s-Sindku fil-laqgħa preċedenti meta l-Kappillan kellem lis-Sindku rigward l-ittra li kien qassam is-Sur Micallef rigward il-mozzjoni. Is-Sur Micallef qal li tkellem mal-Kappillan f'dan ir-rigward u l-Kappillan qallu li ma jistax jifhem għalfejn is-Sindku wassal id-diskors li ntqal waqt il-laqgħa tal-Kunsill meta hu kien kellem lis-Sindku b'kunfidenzjalita. Is-Sur Micallef staqsa lil Kappillan jekk hu kienx jaqbel mal-proposta tiegħu u l-Kappillan wieġbu li kien jaqbel mal-proposta peress li hi ħaġa sewwa u li kellu kull dritt jibgħat f'kull dar fil-Fontana inkluż fid-dar tal-Kappillan. Is-Sindku qal li hu jikkonferma dak li kien qal lilu l-Kappillan minn rajħ u li ma kienx qallu li qed jgħidlu kunfidenzjalment. Kompla jgħid li kieku qallu li kien kunfidenzjali kieku ma kien jgħid xejn.

2.12 Ġie mistieden jidħol fil-kamra il-Perit Gordon Vella sabiex jinforma lil Kunsill bl-intoppi li nqalgħu rigward il-bini tal-ħajt ta' Triq John Gaspard le Marchant peress li mill-MEPA infurmaw lil Kunsill illi biċċa mill-ħajt jrid jitbaxxa filata sabiex ikun konformi mal-ħajt li diġa hemm mibni u intbgħatet emejl mid-DNO officer is-Sur Jonathan Attard. Il-Perit kompla jispjega illi meta hu kien talab għad DNO mill-MEPA kienu nfurmawh li peress li kull ma kien ser isir hu bini ta' ħajt ma kien hemm bżonn ebda permess. Il-Viċi Sindku staqsa ta' min tkun ir-responsabilita jekk titneħħa il-filata kif mitlub mill-MEPA. Is-Sur Mercieca talab li għandha tintbgħat emejl lil MEPA fejn il-Kunsill jitlob spjegazzjoni x'inhi r-raġuni biex titneħħa. Il-Perit qal li fl-opinjoni tiegħu jekk jitbaxxa l-ħajt jista' jinħoloq xi perikolu. Is-Sur Micallef qal li ma jaqbilx li jitbaxxa. Is-Sindku qal ukoll li importanti li ma jitwaħħlux multi għalxejn mill-MEPA u dan peress li skond ma qal il-Perit wara ċertu ġranet tinħareġ *enforcement notice* mill-MEPA u tibda' multa kuljum. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jimxi mar-regoli tal-MEPA sabiex ma tinħariġx *enforcement notice*.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 - Fax: 21562555



S. Boy

2.13 Il-Perit informa lil preżenti illi ipprepara l-*Bill of Quantities* u *Technical Specifications* biex jingħata bidu għal ħruġ ta' l-offerta tal-kisi tat-triq bit-tarmac u l-bankina. Il-Perit ippropona li għandu jsir *service gutter* taħt il-bankina fuq kull naħħa tat-triq. Is-Sur Micallef qal li l-ewwel għandha ssir il-bankina u l-*gutter* kif normalment isir u wara jsir it-tarmac li jkun invellat mal-*gutter*. Is-Sindku qal li jekk ma jkunx hemm fondi biżżejjed għalinqas issir il-kurduna biss sabiex it-tarmac ikun jista' jimxi magħha. Il-Perit qal li jaqbel ma li propona s-Sur Micallef. Is-Sindku u s-Sur Micallef ipproponew illi jinħarġu żewġ offerti separati għal bankini u għat-tarmac biex aktar offeranti jkunu jistgħu jikkompetu. Il-Perit qal li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti sabiex jilħqu jgħaddu s-servizzi neċessarji qabel ma jingħata bidu għal kisi tat-triq. Is-Sur Micallef qal ukoll li s-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma bil-miktub lis-*service providers* kollha b'dan il-kisi tat-triq waqt li l-Perit għandu wkoll jinforma lit-*trenching office*. Is-Sur Farrugia qal li l-arblu ta' l-Enemalta li hemm f'nofs il-bankina marru jimmarkawh ta' l-Enemalta u ser jagħmluh eżatt mal-ħajt peress li ma jridux iwaħħluh f'għalqa privata. Is-Sur Micallef qal li kif kien diġa informa lil Kunsill id-darba l-oħra u kien hemm qbil fost il-membri illi la hemm il-permess tas-sid ta' l-għalqa l-arblu għandu jehel f'tiegħu. Is-Sur Farrugia informa lil membri illi l-Enemalta qegħdin jevitaw milli jwaħħlu l-arbli fil-privat. Il-Perit staqsa lil membri għandux jidħol sprall ma fejn hemm it-taraġ minħabba l-ilma tax-xita peress li t-triq qegħda maqluba l'hemm. . Is-Sur Micallef talab lil Perit jekk hux possibli li jsir *gutter* ta' l-ilma matul il-bankina ta' fejn it-taraġ sabiex l-ilma tax-xita ma jmurx fuq it-taraġ iżda jinżel għal Triq Santa Dminka u ssir *connection* b'katusa pulita li tinżel għat-triq ta' taħt. Is-Sur Mercieca staqsa jekk hux ser ikun hemm ħafna volum ta' l-ilma lejn dik in-naħħa u fakkar li jrid isir il-manteniment neċessarju u jitnaddaf wara kull Sajf. Is-Sur Micallef talab lil Perit biex jagħmel stima f'dan ir-rigward. Il-Perit informa lil preżenti li peress li l-MEPA taw livelli differenti meta nbena l-bini u anke it-taraġ sar aktar il-fuq mill-livell tat-triq aktarx ikollha issir bankina doppja jiġifieri waħda taħt l-oħra sabiex il-bankina ma tiġix għolja wisq. Is-Sur Micallef fakkar lil Perit sabiex il-*gutter* ta' l-ilma li ser isir jaħsiblu biex ikun il-barra mit-tieni bankina. Is-Sindku talab biex din ukoll titpoġġa fl-offerta.

2.14 Rigward il-Bejt taċ-ċentru ċiviku l-Perit spjega li ħejja l-kwantita' ta' konkos li l-Kunsill għandu bżonn biex isir il-kontra bejt u jiġi livellat skond il-livelli li jimmarka l-Perit fuq il-post. Il-Perit kompla jispjega li biex ikun użabli sakemm isir il-*porfido* fuqu ser jitħallew 4 pulzieri neqsin.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Bay

Is-Sur Micallef staqsa kemm hi stmata din l-ispiża iżda l-Perit infurmah li aħjar x'ħin toħroġ l-offerta fuq it-*Tender Originators Form* titħalla miftuħa sabiex il-Kunsill ma jkun qed jagħti ebda indikazzjoni kemm tkun stmata li tiswa'. Is-Sur Micallef ippropona li fl-offerta għandha titniżżel klawsola li l-offerant jġib *references*. Għaldaqstant il-Perit ser iniżżel fl-offerta li min jisottomettiha irid jagħmel referenza lil Kunsill ta' l-inqas f'ħames postijiet li ħadem. Is-Sur Micallef qal ukoll li jekk jippermettu l-livelli issir l-*insulation* fuq il-*kitchenette* u l-*archives*. Is-Sindku fakkar lil Perit sabiex mal-MEPA jemenda l-permess taċ-Ċentru Ċiviku biex il-bejt tat-tieni fażi isir bil-*porfido* minflok ġebla tal-qawwi.

## 3 Korrispondenza

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi rċeviet din il-korrispondenza:

3.5 Risposta minn għand id-Direttorat għat-tmexxija tal-proprjeta fejn il-Kunsill ġie infurmat illi biex isir l-esprozjazzjoni tas-sit ta' l-ewwel livell bejn Triq is-Sajjieda u Triq il-Għajn, it-talba trid issir mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u awtorizzat mill-Ministru responsabbli tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku qal li hu s-sid li għandu l-interess li jiġi esproprjat u mhux il-Kunsill u għalhekk ma jaqbilx li għandha tkun a karigu tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Kunsill ma kien talab għal ebda' esproprjazzjoni iżda infurmat lis-Sur Paul Scicluna x'għandu jagħmel f'dan ir-rigward. (Ara Dok A1, A2, A3). Is-Sur Micallef qal li d-Direttorat mhux suppost li rrisponda lil Kunsill peress li huma kienu biss ikkupjati għax l-ittra tal-Kunsill intbagħatet lil Paul Scicluna u mhux lid-Direttorat.

3.6 Emejl minn għand ir-Reġjun ta' Għawdex fejn talab sabiex is-Sindku jaħtar membru sostitut tiegħu sabiex jirrappreżenta l-lokalita' jekk hu ma jkunx jista' jattendi. Is-Sindku qal li hu dejjem attenda f'dawn l-aħħar ħames snin għal laqgħat tar-Reġjun u ma attendiex biss laqgħa waħda u din l-aħħar waħda għax kienet lejliet il-Festa tal-Fontana u fl-opinjoni tiegħu qal li ma jaħsibx li s-Sindku tar-Rabat, l-President tar-Reġjun, jagħmel laqgħa lejliet San Gorg jew Santa Marija. Is-Sindku ħatar lil Viċi Sindku bħala s-sostitut tiegħu meta ma jkunx jista' jattendi. Il-Viċi Sindku aċċetta l-kariga.

3.7 Emejl minn għand is-Sur Brian Camilleri resident fi Triq Mons Mikiel Buttigieg fejn reġa' ġibedl-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jinqata' l-ħaxix u jinġabar l-iskart mormi illegalment f'din it-triq. Is-Sindku qal li hu jaħseb li din hi triq privata peress li mhix mibnija u hi kollha blat u f'din it-triq



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555



S.Bo

m'hemm l-ebda residenza u li fejn hemm mibni quddiem il-*flat* tas-Sur Camilleri it-tarmac sar qabel l-elezzjoni. F'dan ir-rigward is-Sur Micallef staqsa jekk allura Triq John Gaspard le Marchant li ser niksu bit-tarmac hijiex privata għax dik ukoll għadha mhix mibnija. Is-Sur Farrugia qabel mas-Sindku u qal li la hija *white road* hija privata. Is-Sur Mercieca qal li la diġa hemm il-ħitan mibnija diġa hemm ippjanat kif ser issir it-triq. Is-Sur Micallef qal li l-privat hu mill-*gate* il-ġewwa u staqsa mela jekk Trejqet wara l-Idjar hix privata wkoll peress li hija *white road* u għadha sal-llum mingħajr tarmac. Is-Sur Micallef u s-Sur Mercieca qalu li għadhom bla tarmac peress li għadhom mhumiex 70% mibnija. Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet lis-Sindku għaliex meta kienet infurmatu bl-emajl tas-Sur Brian Camilleri minflok qallha li hi triq privata qallha sabiex ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix isir mill-ħaddiema wara l-festa tal-Qalb ta' Gesu' u x'ħin jitlesta x-xogħol li kellhom jagħmlu peress li kien aktar importanti. Is-Sindku qal li hu ħass li xi ħaġa bħal din aħjar taddi għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill u għalhekk ma ħax azzjoni u barra minnhekk tnejn mill-ħaddiema ma kienux qed jidħlu għax-xogħol. Is-Seg. Eżekuttiv ħasset li ma kienx qed jimxi ġust f'dan ir-rigward u li hi għandha l-obbligu li taqdi lir-residenti tal-lokalita' kollha indaqs mhux fejn u meta jaħseb is-Sindku biss u ma taħsibx li għandha tinforma lil Kunsill fejn tkun ser tibgħat il-ħaddiema u ggib l-approvazzjoni tal-membri. Hi tal-fehma ukoll li meta lil ħaddiema tal-Kunsill ikollu bżonn jibgħathom jagħmlu x-xogħol tal-Kunsill ma joqgħodx jistenna laqgħa tal-Kunsill u għalhekk infurmatu li bħala kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill ser tibda' tieħu ħsieb il-ħaddiema hi u iżomm reġistru fejn ikunu qed jintbgħatu kuljum. Is-Sindku talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tivverifika mad-Dipartiment tat-Toroq jekk din it-triq hiex privata jew le għax fil-lista mhix imniżżla. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ħasset li kellu jgħidilha qabel b'dan. Is-Sur Micallef qal li hu irranġa mal-ħaddiema tal-gvern peress li ġie avviċinat mir-residenti u għalhekk il-ħaxix inqata u diġa ċemplulu r-residenti jirringrazzjawħ. Is-Sur Mercieca qal li hu jaqbel mas-Seg. Eżekuttiv li meta l-Kunsill ikollu xi ilment jieħu azzjoni immedjata u mhux joqgħod jistenna laqgħa tal-Kunsill u jekk l-Kunsill ma jkollux ħaddiema għad-dispożizzjoni tiegħu l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment ikonċernat sabiex tittieħed azzjoni immedjata.

3.8 Il-Kunsill irċieva nota minn għand Josephine Borg fejn infurmat lil Kunsill li irċeviet mera bħala rigal għas-servizz li tat bħala *compare* fl-aħħar sitt snin f'Jum il-Fontana, liema tammonta għal €160. Is-Seg. Eżekuttiv staqsiet meta din ġiet imħallsa u li ma taqbilx li dawn l-affarijiet isiru. Is-Sindku qal li din ma xtrat xejn bil-flus tal-Kunsill u li meta sar jaf b'dan hu stess aviċina lis-Seg. Eżekuttiv fil-preżenza tal-Kunsilliera u kienet hi stess li infurmat lis-Sindku li dawn l-affarijiet ma jistgħux isiru. Is-Sindku


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555


S. Borg

fakkar li fil-Kunsill preċedenti kien hemm qbil fost il-membri li s-Sinjura Borg tixtri xi ħaġa għad-dar bħala tpattija tax-xogħol li għamlet fil-Kunsill u qatt ma tħallset. Dan kellu jsir bħal ma sar man *nurse* li kien jinxtara ktieb ta' €50 kull sena talli kien jagħti t-tilqima ta' l-influenza lir-residenti. Is-Sur Micallef staqsa jekk il-Kunsill qattx ħareġ xi flus għal din il-mera. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li minn kemm ilha Segretarja hi qatt ma ħallset affarijiet ta' dan it-tip u għalhekk ser tiċċekkja mal-kotba tal-Kunsill sabiex tivverifika jekk kienx sar xi pagament f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li zgur ma seta' ħareġ l-ebda pagament f'dan ir-rigward peress li l-pagamenti kollha jridu jiġu approvati mill-Kunsill. Is-Sindku qal li s-Sinjura Borg messha ħadet l-opportunita' meta kien sar il-qbil mill-Kunsill fil-Kunsill preċedenti u li kien ġie dokumentat fil-minuti u għalhekk ma jaqbilx li jsir dan it-tip ta' ħlas. Is-Sur Micallef qal li hu li qed jara kerha għax hi kitbet li 'irċeviet rigal'. Is-Sindku qal li meta avviċinatu qallilha sabiex tejdlu meta jkun mal-Kunsilliera x'ħin ikun qed isir it-tqassim ta' l-ikla tal-festa lil anzjani li jgħixu weħedhom. Il-membri ma qablux li din il-mera għandha titħallas mill-Kunsill u għalhekk is-Sindku propona fuq parir tas-Seg. Eżekuttiv li tibgħat *invoice* għas-servizz li tgħat kull meta ppreżentat is-serata ta' Jum il-Fontana. Il-membri qablu.

3.9 Email minn għand Anthony Cefai fi ħdan id-Dipartiment tal-Proġetti fejn kiteb għan-nom ta' Marjanu Spiteri li huwa x-xufier tat-trakk tagħhom fir-*Road Marking Section* fejn talab sabiex jitħallsu mill-Kunsill xi danni li sofra fit-trakk waqt qadi ta' xogħol tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv għandux joħroġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress peress li s-Sur Cefai huwa ħuh. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ma għandux għalfejn joħroġ mill-kamra f'dan ir-rigward. Is-Sur Mercieca qal li l-Kunsill ma bagħat lil ebda' persuna bl-isem ta' Mario Spiteri biex iwaħħal it-tabella peress li l-Kunsill kien avviċina lid-Dipartiment tar-*Road Section* mhux lis-Sur Spiteri. Is-Sur Micallef qal li f'laqgħa preċedenti kien diġa ħa deċiżjoni f'dan ir-rigward u d-deċiżjoni tiegħu tibqa' l-istess. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha terġa tibgħatlu kopja tad-deċisjoni tal-Kunsill li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti.

## 4 Approvazzjoni ta' Kontijiet

Skeda Nru 27 tal-ħlasijiet ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

## 5 Materji Oħra

5.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi daħlu €1897.92 fil-kontijiet tal-bank tal-Kunsill bħala *reimbursement*għax-xhur ta' Diċembru 2014 u



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

minn Jannar sa Marzu 2015 għal paga ta' l-iskrivana tal-Kunsill li qegħda taħt l-iskema tas-CIES.

5.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa stieden lil membri tal-Kunsill flimkien mal-Kappillan għal festa ta' Ħal Luqa nhar is-Sibt, 4 ta' Lulju 2015 fejn fis-7.00 ta' fil-għaxija biex jiltaqgħu mal-Kunsill ta' Ħal Luqa kif ukoll maż-żewġ każini tal-banda. Għal dan il-għan is-Seg. Eżekuttiv ordnat inkwadru ta' Sant' Indrija biex jiġi preżentat lil Kunsill. Is-Sindku qal li hu forsi ma jkunx jista' jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa ta' ommu. Is-Sur Micallef qal li hu taċ-ċajt li s-Sindku ma jattendix għal stedina bħal din. Il-Viċi Sindku u s-Sur Mercieca ma jistgħux jattendu.

5.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi is-Sur Busuttil avviċina lis-Seg. Eżekuttiv sabiex tħallas €8.20c għal xiri ta' trab tal-wirdien peress li d-Dipartiment tas-Sanita rċevew diversi ilmenti mir-residenti tal-bidu ta' Triq il-Għajn. Il-membri qablu li dawn għandhom jingħatawlu.

5.8 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat ukoll lil preżenti li nxtrat *laminator machine* mill-LIDL għal użu ta' l-uffiċċju. Is-Seg. Eżekuttiv kellha tħallasha *cash* peress li l-LIDL ma jaċċettawx *invoice*. Għal dan il-għan fil-laqgħa li jmiss ser joħroġ pagament f'isem is-Seg. Eżekuttiv.

*Mis-Sindku*

5.9 Is-Sindku nforma lil preżenti li sar il-ħasil tat-toroq prinċipali bil-*bowser* u bil-ħaddiema tal-Kunsill għall-okkażżjoni tal-Festa.

5.10 Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv attendew għal laqgħa li saret fil-Ministeru għal Għawdex dwar monumenti t'arti fi spazji pubbliċi.

5.11 Is-Seg. Eżekuttiv attendiet għal laqgħa fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex li saret mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iskema ta' attivitajiet kulturali għat-tlett snin li ġejjin. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li hu attenda ukoll minn naħħa ta' Ministeru.

5.12 Saret laqgħa mal-perit John Saliba dwar kif ser isir ix-xogħol ta' tindif u riabilitazzjoni ta' parti mill-Wied tax-Xlendi. Attendew għal din il-laqgħa fis-sala tal-kommunita', is-Sindku, is-Seg. Eżekuttiv, s-Sur Horace Micallef, s-Sur Carmel Farrugia u s-Sur Mario Mercieca.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Centru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.13 Harġet l-għoxrin edizzjoni tal-fuljett 'Tagħrif mill-Kunsill tiegħek' fl-okkażżjoni tal-festa u tqassam f'kull residenza tal-Fontana.

5.14 Sar il-bukkett quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Gesu' fl-okkazzjoni tal-festa.

5.15 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li dak in-nhar kien hemm il-qorti rigward il-kawża taċ-ċentru ċiviku u kompla jgħid li l-Avukata tas-Sur Anthony Cassar ma resqitx il-qorti. Il-maġistrat taħa xahar żmien biex tressaq is-sottomissjonijiet u xahar ieħor wara sa l-aħħar t'Awwissu lil Avukati tal-Gvern u tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lil Kunsill li dan il-każ għandu jgħaddi għas-sentenza fit-13 ta' Novembru 2015.

5.16 Fl-okkażżjoni ta' lejliet il-festa tal-Qalb ta' Ġesu' sar l-ispettaklu tan-nar mekkanizzat għat-tieni darba bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

5.17 Is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia attendew għal pontifikal tal-festa. Wara flimkien mas-Seg. Eżekuttiv sar it-tqassim ta' 25 ikla lil anzjani li jgħixu waħedhom.

5.18 Saret il-ħarġa soċjo-kulturali f'Malta nhar is-Sibt, 20 ta' Ġunju fejn saret żjara fir-raħal ta' l-imqabba fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Attendew 19-il persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

5.19 Reġa' beda s-servizz tal-linja li jinżel u jitla' mill-Fontana għax-Xlendi. Dan sar wara talba tal-Kunsill lil Transport Malta u lil Ministru tat-Trasport l-Onor. Joe Mizzi. Saret laqgħa f'dan ir-rigward u s-Seg. Eżekuttiv attendiet f'isem il-Kunsill waqt li s-Sur Micallef attenda għal din il-laqgħa minn naħa ta' Ministeru.

5.20 Is-Sindku qal li l-bozza taz-*zebra crossing* għadha mhix qed tixgħel minkejja li ġiet irrapurtata ġimgħat ilu. Is-Sur Micallef qal li ħadem biex jintbgħatu ħaddiema mill-Ministeru jagħmlu t-tiswija avolja mhix kompitu tal-Ministeru għal Ghawdex. Is-Sur Micallef kien ġie infurmat li hi kompitu tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-aħħar li tranġat kienet mill-Gvern peress li hi triq arterja u ġew magħmulin mill-Gvern Ċentrali waqt il-bini ta' Triq tax-Xlendi u li għandha tingħata risposta mill-miktub mill-gvern fejn jinformana li dan id-dawl mhux kompitu tagħhom. Is-Sur Micallef qal li ħa azzjoni f'dan ir-rigward u irranġa li tinbidel minħabba li kienet ta' perikolu peress li ma tixgħelx u hi perikolu li jittajjar xi ħadd minn fuq iż-*zebra crossing*.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.21 Is-Sindku qal li l-Kunsill talab għal *patching* fi Triq l-Isptar San Ġiljan u Triq il-Għajn. Saret parti min Triq l-Isptar San Ġiljan u parti minn Triq il-Għajn bejn Pjazza Tomba u Triq Kappillan Ġużeppi Hili u issa baqa' xi jsir l-isfel minn Triq Kappillan Hili sal-Knisja.

*Mis-Sur Horace Micallef*

5.22 Is-Sur Micallef talab biex isir il-bexx fuq il-bankini ta' Triq ta' Mulejja u Triq l-Kappillan Ġużeppi Hili minħabba l-ħaxix ħażin li tielgħa. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jixtri l-bexx u biex isir dan mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.23 Sabiex il-*bollards* li hemm Wied Siekel jitwaħħlu aktar qrib peress li xorta qed jgħaddu l-karozzi. Is-Sindku qal li din diġa għaddiet fil-laqgħa l-oħra tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li qed jiġbed l-attenzjoni peress li għadhom ma sarux u li għandhom jitwaħħlu katnazzi *heavy duty*, iċ-ċavetta tingħabar il-Kunsill u tiġi ordnata tabella oħra tan-*no entry for vehicles*. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lis-Sur Micallef li ma ħaditx azzjoni f'dan ir-rigward peress li ma laħitx għamlet ix-xogħol fuq il-minuti tal-laqgħa ta' qabel. Il-membri qablu mal-proposta tas-Sur Micallef.

5.24 Sabiex it-tabella tal-*cul de sac* fi Trejqet ix-Xagħri tinqala' minn fejn hi u titwaħħal in-naħħa l-oħra qrib ir-*railing* biex tkun tidher aktar mis-sewwieqa. Il-ħaddiema għandhom ukoll jeqtew il-weraq tas-siġar tal-bajtar li qegħdin jostakolaw it-triq.

5.25 Is-Sur Micallef staqsa il-Wied tax-Xlendi li qed jiġi mnaddaf mill-Kunsill hux ser jiġi imnaddaf kollu peress li diġa reġgħa tiela' l-qasab. Is-Sindku qal li l-Perit infurmah illi aħjar li ma jintmessx ma l-ilma. Kompla jgħid li ikun aħjar li kieku l-Perit jinforma b'dan lil Kunsill minflok jgħid hu għalhekk għandha ssir laqgħa miegħu. Is-Sindku qal li l-Perit qallu li ser isir il-*banking* biss u l-ħamrija tibqa hemm u waqt dan ix-xogħol jinqalgħu l-għeruq tal-qasab kif diġa qed isir wara li nqata' l-qasab. Is-Sur Micallef qal li xorta l-qasab għandu jinqala' mill-għeruq u kompla jgħid li dan ix-xogħol qed iħallas għalih il-Kunsill u l-Perit għandu jirrispetta d-deċiżjonijiet li jieħu l-Kunsill f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li diġa nqalgħa trakkijiet bl-għeruq tal-qasab. Is-Sur Micallef talab li għandha ssir laqgħa mal-Perit mill-aktar fis possibli u għalhekk il-laqgħa ġiet issuspenduta sabiex is-Seg. Eżekuttiv iċċempel lil Perit sabiex jiltaqgħu il-Wied tax-Xlendi fejn qed isir ix-xogħol wara l-laqgħa tal-Kunsill. (Dok B)



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 Fax: 21562555



S. Boy

5.26 Talab sabiex tibda' ssir il-manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku l-*stop* u *slow signs* fi Triq Kappillan Ġużeppi Hili dan wara li saru mill-ħaddiema tal-Gvern u għalhekk għandhom jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill u jitneħħa l-parkeġġ sabiex isir dan. Għalhekk l-membri qablu wkoll li għandhom jintbgħatu l-pulizija sabiex l-Kunsill jara li t-tabelli tan-*no parking* jiġu mħarsa.

*5.27* Is-Sur Micallef staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk hu qattx għamel rapport rigward il-ħmieġ fil-latrini pubbliċi u talab lis-Seg. Eżekuttiv twieġeb tweġiba diretta jekk hux iva jew le. Is-Seg. Eżekuttiv irrispondiet li hu qatt ma għamel rapport ta' dan it-tip ħlief biex jirrapporta li hemm bozza mitfija. Is-Sur Micallef kompla jistaqsi lis-Seg. Eżekuttiv min kien li rrapporta l-ħmieġ fil-latrini pubbliċi. Is-Sindku wieġeb li f'nhar il-Festa tal-Qalb ta' Ġesu' waqt il-ħruġ tal-purċisjoni sabu wieħed mix-Xagħra fejn ġibidlu l-attenzjoni illi l-latrini huma maħmuġin ħafna u li dak il-ħin stess s-Sindku informa lis-Seg. Eżekuttiv biex tiġbed l-attenzjoni tal-Kuntrattur. Is-Sur Micallef qal li s-Sindku għamel sew li ħa azzjoni immedjata f'dan ir-rigward. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li kif qalet is-Seg. Eżekuttiv hu qatt ma għamel rapport lil Kunsill li l-latrini pubbliċi huma maħmuġa iżda hu irrapporta biss li l-bozza tal-*cubicle* tad-*disabled* mhux tixgħel. Qal hekk peress li ġie aviċinat minn persuna fejn infurmatu li kien qed jaqbad mal-Kuntrattur tal-latrini. Is-Sur Micallef qal li ma jittolerax gideb sfaċċat, tidwir tal-fatti għad-detriment tiegħu jew tal-Kunsill u dan peress li hu qatt ma rrapporta fuq ħmieġ. Informa lil preżenti li dan il-gideb ħareġ minn xi membru tal-Kunsill u kompla jgħid li l-paroli li ntqal hu gideb, bla ebda bażi u qal li dak li jgħid hu waqt il-laqgħa jgħidu biex ikunu jafu r-residenti u li ma jaqbilx biss, hu li waqt il-laqgħa jingħad ħaġa u barra jingħad oħra. Is-Sur Micallef sostna li kulħadd għandu jerfa' r-responsabilita' tad-deċiżjonijiet li jittieħdu waqt il-laqgħat tal-Kunsill u qal ukoll li minn meta ingħata l-Kuntratt tat-tindif tal-latrini minn Awwissu 2014 u jekk jiġu mfittxija fil-minuti jiġi innotat li hu qatt ma għamel rapporti rigward il-ħmieġ. Qal li dawn l-affarijiet qatt ma hu ser jaċċettuhom u ma għamel xejn ħażin li rrapporta bozza ma tixgħelx. Is-Sur Micallef informa lil preżenti li jattendi l-laqgħat tal-Kunsill biex jaħdem bis-sħiħ għal ġid tal-lokalita' u għar-residenti Fontanin, mhux biex jaħli l-ħin u dawn l-attakki kontrih jimlewh iktar b'kuraġġ biex ikompli jaħdem bis-sħiħ. Is-Sindku qal li hu importanti li l-latrina tkun nadifa u li min jara xi ħaġa għandu jiġbed l-attenzjoni mal-ewwel.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Boy

*Mis-Sur Mario Mercieca*

5.28 Informa lil preżenti li qed jinżlu ħafna kontra l-linja minn Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili lejn il-Knisja għalhekk talab biex titwaħħal vleġġa imwaħħla fil-kantuniera.

5.29 Informa lil Kunsill li kien hemm tlett residenti li lmentaw rigward il-bukkett li għamel il-Kunsill għal Festa tal-Qalb ta' Ġesu u kompla jgħid li bħala bukkett ma ngħoġobx. Is-Sindku qal li ma jsib l-ebda problema biex darb'oħra jiġu ordnati minn għand min jordna l-Kappillan kif kien hemm fil-Bullettin. Għal dan il-għan il-membri qablu li s-sena d-dieħla l-bukkett għandu jiġi ordnat minn fejn jordnah il-Kappillan.

6 <u>Aġġornament tal-Laqgħa</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata ghal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Lulju 2015 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45 ta' fil-għaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Dok A1

**PAUL SCICLUNA**
43 SIR LUIGI CAMILLERI STREET,
VICTORIA GOZO
MALTA
Tel: 21554703 Mobile: 99497322 Email: paulscicluna@onvol.net

23 ta' Settembru 2014

Is-Segretarju,
Kunsill Lokali Fontana,
Multi Purpose Room,
L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku,
Triq ta' Mulejja,
Fontana.

Ghaziz Segretarju,

Bhalma probabbli tafu, jiena l-propjetarju tat-tisqifa li tghaqqad Trejqet Dun Guzepp Grima ma' Triq tal-Ghajn, Fontana.

Din il-propjeta privata ilha ghal xi snin tifforma parti mill-iskema tat-toroq ta' dawn l-inhawi u ghal diversi drabi kont gejt avvicinat mill-Kunsill biex taghmlu xi xoghlijiet fuq dan is-sit, bhal per ezempju twahhil ta' bozza u xi xoghlijiet ohra li jistghu jkunu mehtiega ghall-uzu tal-pubbliku.

Jien tal-opinjoni li wasal iz-zmien li l-Kunsill jiehu l–inizjattiva biex il-Gvern jesproprija din it-tisqifa biex b'hekk tigi fid-dominju pubbliku u kemm il-Kunsill, u kif ukoll il-Gvern, ikun jistghu jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha li jkunu mehtiega minn zmien ghal zmien fl-interess pubbliku.

Jien dejjem dispost li niltaqa' maghkom jekk ikun mehtieg.

Nistenna risposta minghandkom.

Dejjem taghkom,

Paul Scicluna

Dok A2
Lands Dept

Fontana Local Council

7 t'Ottubru 2014

Is-Sur Paul Scicluna
43, Triq Sir Luigi Camilleri
Victoria

Sinjur,

**Tisqifa li tghaqqad Trejqet Dun Guzepp Grima ma Triq tal-Ghajn – Fontana**

B'riferenza ghall-ittra tieghek datata 23 ta' Settembru 2014 rigward is-suggett hawn fuq imsemmi, nixtieq ninfurmak illi fl-ahhar laqgha tal-Kunsill Lokali tal-Fontana gie maqbul illi l-kaz ghandu jigi riferut lid-Dipartiment ta' l-Artijiet peress li hija kwistjoni ta' esproprjeta'.

Waqt li nirringrazzjak ta' l-attenzjoni,

Insellimlek,

Odette Camilleri
Seg. Ezekuttiv

c.c Dipartiment ta' l-Artijiet

Kunsill Lokali Fontana, Ċentru Ċiviku, Triq ta' Mulejja , Fontana FNT1110
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

S. Bay

Dok A3

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
Dipartiment Proprjetà tal-Gvern
DIRETTORAT GHAT-TMEXXIJA TAL-PROPRJETÀ

OFFICE OF THE PRIME MINISTER
Government Property Department
ESTATES MANAGEMENT DIRECTORATE

Our Ref : L100/2015
Your Ref :

Ms.Odette Camilleri
Executive Secretary
Fontana Local Council
Civic Center
Triq ta'Mulejja
Fontana FNT1110
Gozo

5th June 2015

**Re: Expropriation of Site at First Floor Level between Triq is Sajjieda and Triq tal-Ghajn , Fontana**

With reference to your letter dated 7th October 2014 for the expropriation of Site at First Floor Level between Triq is Sajjieda and Triq tal-Ghajn , Fontana.

Please be advised that this request has to be made through the Department for local Government and endorsed by the Minster responsible for the Department for local Government.

Regards

-----------------------------------
Mr.Hermann Borg
Acquisition Section

S. Borg

Dok B

Fontana Local Council

Laqgħa li saret nhar is-26 ta' Gunju 2015 fil-5.15 ta' fil-għaxija fil-Wied tax-Xlendi mill-Membri tal-Kunsill Lokali tal-Fontana mal-Perit John Saliba wara talba li saret mis-Sur Micallef waqt il-laqgħa tal-Kunsill rigward it-tindif u rijabilitazzjoni ta' parti mill-Wied tax-Xlendi.

Il-membri ġibdu l-attenzjoni tal-Perit sabiex:

- Il-Perit jieħu l-kejl tax-xogħol li sar sa issa sabiex il-Kunsill ikun jaf kemm il-Kuntrattur sa issa onorha mill-kuntratt.
- Il-Kuntrattur jerġgħa jdur il-qasab peress li reġa tielgħa iżda l-Perit informa lil membri li jsir dan ix-xogħol waqt li jkun qed isir il-*banking*.
- Il-Kuntrattur għandu jibni il-240 cub.m ħajt skond it-*tender*.
- Sabiex il-Kuntrattur jaħraq is-siġar taż-żejt tar-riġnu skond il-*method statement.*
- Il-Kuntrattur jneħħi aktar trab sabiex jinqered kemm jista' jkun għeruq tal-qasab iżda l-Perit wieġeb li għadu jrid jara *t-tender* f'dan ir-rigward.
- Biċċa mill-*banking* jiġi mżerżaq mal-ħajt/*culvert* eżistenti sabiex ma jkunx *eye sore*.
- Il-membri fakkru lil Perit li s-sena l-oħra kienu ġew ivvutati €5000 *extra* għad-*double handling* biex il-ħama l-imxarrba titpoġġa fit-triq u jsir it-tfittxija tal-qabri ta' l-ilma. Il-Perit informa lil preżenti li dawk aktarx ma jiġux użati.

Il-membri infurmaw lil Perit sabiex jibgħat emejl lil Kuntrattur Joe Cauchi fuq dan li ġie mitkellem.

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv

S. Bo

Kunsill Lokali Fontana, Ċentru Ċiviku, Triq ta' Mulejja , Fontana FNT1110
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt